# IL-POETI MODERNI MALTIN – TRADIZZJONI, ŻVANTAĠĠ STORIKU U BIDLA MILL-QIEGĦ

**Oliver Friggieri**

L-istudju serju tal-letteratura aktarx għandu jibda mill-għarfien ta' l-istorja tagħha, jiġifieri ta' l-evoluzzjoni tagħha skond il-kategorija żmien. Il-prodott ta' llum hu r-riżultat imġarrab ta' mixja progressiva sħiħa li bdiet u ssoktat. (Anki min jemmen f'verżjoni ċiklika ta' l-istorja — ħsieb li jixref fil-qawl "l-istorja tirrepeti ruħha" — jista' jqarreb flimkien l-idea ta' mixja progressiva ma' l-idea ta' ritorn imġedded). Il-valuri, il-kriterji, il-forom, il-lingwaġġi u l-bqija li jsawru l-letteratura jitbiddlu minn żmien għal ieħor, għaliex il-ħajja hi ċaqliq. Valuri qodma jitwarrbu biex jidħlu oħrajn, l-estetika titbiddel mill-qiegħ u l-'ikreh' jista' jsir 'sabiħ', u l-kuntrarju. X'inhu s-sabiħ kategoriku? Mir-romantiċiżmu 'l hawn, għall-inqas ,ilna nemmnu li s-sabiħ hu suġġettiv. Imma anki t-tradizzjonijiet li nbnew fuq l-idea tas-sabiħ kategoriku, oġġettiv, assolut, spiċċaw skond il-ħila tagħhom biex tbiegħdu minn dan il-kult ta' l-imitazzjoni u għaddew għall-kreatività, e.g. r-Rinaxximent vis-a-vis d-dinja klassika Griega-Rumana.

F'din il-mixja ta' sekli, l-artist li hu wild ħaj ta' żmienu jifhem żewġ ħwejjeġ ewlenin: x'sar qablu u x'qiegħed isir fi żmienu. Jonqos it-tielet alternativa: x'se jagħmel hu, u din hi l-isfida persunali. Fi ħdan dan l-għarfien jista' jinserixxi ruħu bħala kontemporanju mingħajr ma jaqa' fil-periklu li jtenni bil-gost kollu dak li jkunu għamlu qablu. Il-kuxjenza ta' din il-ħtieġa ta' tiġdid hi l-qofol tal-moviment modernista Malti tas-snin sittin li ssokta jimmatura fis-snin sebgħin. Għall-ewwel darba fil-ġrajja letterarja, u forsi kulturali, Maltija daħlet il-maturità ta' dibattitu kollu kemm hu estetiku, imbiegħed mill-identifikazzjoni ħażina ta' kawża lingwistika ma' kawża letterarja.

#### Il-letteratura bħala evoluzzjoni

Ma tistax tifred wisq l-istudju ta' l-estetika mill-istudju tal-letteratura, kif isir f'Malta. Skond *l-idea* tas-sabiħ taż-żmien li jkun tinbena *l-ħaġa* sabiħa; fuq it-teorija tidħol il-prassi, u fuq l-ideal jitfassal il-prodott. Anqas ma jista' dan l-istudju jinfired wisq mill-għarfien tal-filosofija ta' l-epoka, għaliex din, bħala l-istħarriġ ta' l-idea tal-*veru*, hi s-sies li titqiegħed fuqu l-idea (imbiddla f'ħaġa) tas-sabiħ. Il-ġrajja tal-filosofija hi interessanti sewwasew għaliex toffri bosta verżjonijiet tal-veru. Il-problema tibqa' fundamentali: liema hu l-veru oġġettiv, invarjabbli? Meta jinstab dan il-*quid verum,* tieqaf il-ġrajja tal-moħħ li jistħarreġ. Min-naħa l-oħra, meta jinstab is-sabiħ assolut, tieqaf

ukoll il-ġrajja ta' l-arti. Minħabba li l-ideat tal-veru filosofiku u tas-sabiħ artistiku huma umani, wieħed jista' jifhem li ż-żewġ evoluzzjonijiet se jissoktaw sakemm il-bniedem jibqa' jħaddem il-fakultà mentali.

Imqar jekk il-kelmiet *veru* u *sabiħ* huma importanti iżda xejn preċiżi, jistgħu jagħtu ħjiel tal-ħerqa kbira li kellu u għandu l-bniedem li jsib l-ekwilibriju, livell ta' ċertezza, f'dak li jaħseb u f dak li jħoss. Sa issa għadu ma nstabx u l-ispirtu uman għadu attiv u produttiv. Mela l-akbar ċertezza li toħroġ minn din il-ġrajja twila hi l-inċertezza, is-sentenza fatali "jien naf li ma nafx". Fil-kelma *naf* hemm id-determinazzjoni li l-istħarriġ jissokta; fil-kelmiet *ma nafx* hemm l-isforzi kollha ta min qiegħed ifittex. F'dan l-ambjent l-istudent ta' l-arti, u tal-filosofija, jifhem li fuq naħa jista' jkun jaf il-valuri kollha tat-tradizzjoni, u fuq in-naħa l-oħra jista' jagħżel skond il-gosti personali.

Dawn il-ħsibijiet jistgħu jfissru għala hu meħtieġ ħafna li l-letteratura, meta hi studjata f'ċertu livell, tinbena fuq il-perspettiva storika (li tinkludi l-preżent). L-għarfien ta' kulma nħaseb u sar qabel jissarraf f'punt ta' tluq, u b hekk l-individwu jifhem li d-direzzjonijiet li jrid jieħu, jekk iridu jkunu ġodda, ma jistgħux jirritornaw, m'għandhomx jinħallu f'nostalġija li tirrepeti. Dan hu li jagħmel it-tradizzjonalista bħala imitatur, konxju jew le; u dan hu li xtaqu ma jagħmlux il-poeti moderni Maltin li riedu qtugħ mit-tradizzjoni. Madankollu, din l-evoluzzjoni twassal għal żewġ konklużjonijiet fundamentali: hemm elementi kostanti, invarjabbli, u hemm elementi vojta li għandhom jimtlew kreativament (billi jħaddnu wkoll il-kostanti).

Iż-żewġ kelmiet *tradizzjonali* u *modern* intużaw jew kienu miftiehma dejjem f'din il-ġrajja twila. It-tradizzjonalisti huma dawk li jemmnu li s-sabiħ assolut instab; il-modernisti huma dawk li jisħqu li s-sabiħ hu relativ u għalhekk il-qadim għandu jitwarrab jekk qdiem (bla ma jinqered) biex jinstab u jidħol minfloku s-sabiħ il-ġdid. It-tradizzjonalisti jispiċċaw biex jidentifikaw il-kreazzjoni ma' l-imitazzjoni, u l-valuri l-kbar ta' qabilhom jispiċċaw biex isiru l-kawża tad-dekadenza tagħhom infushom (e.g. l-imitazzjoni tal-merti ta' Dun Karm f'tant awturi Maltin). Il-modernisti jemmnu fil-kreatività, jiġifieri li, kif issuġġerixxa Hopkins, il-kapulavur ta' ħaddieħor qiegħed hemm biex ikun ammirat u mhux imitat. (Dan ma jixħet ebda dell fuq jekk l-influwenza minn awtur fuq ieħor isseħħx jew le; l-interferenza qiegħda hemm dejjem, u hi pożitiva, għad li l-istħarriġ tagħha hu ħaġa delikata u iebsa ħafna). Mela l-isfida ta' l-artist hi li, waqt li japprezza t-tradizzjoni billi jkun jafha u jivvalutaha, fl-istess ħin jiċħadha, "igiddibha" u jiżvolġi polemika (konxja jew inkonxja) magħha biex fl-aħħar jasal għas-sejba personali tiegħu. Din hi l-ħila li fil-ġrajja tal-letteratura tispiċċa biex tagħżel lill-ftit mill-ħafna.

### Reviżjoni tal-valuri

Minħabba t-tradizzjonaliżmu tal-kultura Maltija (marbut maċ-ċokon u ma' l-iżolament), u minħabba għadd ta' raġunijiet soċjo-kulturali msemmija fuq fuq f'dawn il-kummenti, dan is-sens ta' storja u evoluzzjoni aktarx li kien u għadu nieqes fil-qasam letterarju Malti. Il-letteratura Maltija twieldet fi ħdan

ir-romanticiżmu Taljan, trawmet fi żmienu u ssoktat ħafna warajh minħabba raġunijiet politiko-kulturali li baqgħu jeżiġu li l-kittieb iġib ruħu ta' romantiku. Sakemm il-fażi politika Maltija baqgħet risorġimentali, organizzata fuq il-pjan ta' liberazzjoni għall-Indipendenza, il-kittieb Malti kellu jsawwar il-lista tal-prijoritajiet tiegħu u jimpenja ruħu b'mod li jaqbel mal-kawża nazzjonali. Għalhekk il-bixra ewlenija tal-letteratura Maltija sas-snin sittin hi patrijottika, reliġjuża, mifhuma bħala sforz estetiku biex tinbena d-definizzjoni romantika ta' nazzjon. Hi definizzjoni skond il-komponenti li jagħżlu komunità, kultura u territorju minn oħrajn.

Meta din il-kawża ntlaħqet, il-kittieb Malti fehem li issa kien il-waqt, imqar jekk tard fid-dinja Ewropea, li jpatti għall-iżvantaġġ politiku u kulturali ta' pajjiżu u jaġġorna ruħu u l-espressjoni tiegħu billi jinterpreta l-bidla ta' ċittadin li minn membru ta' kolonja sar ċittadin ħieles, u li minn mentalità iżolata kellu jinfetaħ biex irawwem mentalità kontinentali. Mid-definizzjoni ta' nazzjonalità l-awtur kellu jgħaddi biex jistħarreġ definizzjonijiet aktar imħabbla, frott ta' ambjent Ewropew li ilu ħafna li nfatam mill-kult tal-patrijottiżmu. Kontra l-kumpless tal-Persekuzzjoni, li ftit jew wisq kull twemmin patrijottiku jbati minnu, kellu jidħol il-kult ta 'l-istħarriġ introspettiv li jdur madwar il-figura tal-bniedem bħala bniedem, ċittadin ta' dinja. Minflok innazzjonaliżmu daħal il-kosmopolitiżmu.

Ir-romantiċi Maltin staqsew il-mistoqsijiet tad-definizzjoni nazzjonali u waslu għat-tweġiba tagħhom billi seddqu b'ċertezza din id-definizzjoni. Il-moderni, wara li fehmu l-kisba tradizzjonali, ħassu l-irrelevanza tagħha għal ġens li issa tbiddel, u biddlu l-affermazzjoni f'mistoqsija li tibqa' mistoqsija. Ir--romantiċi fittxu d-definizzjoni u kkonkludew "jiena jien" (definizzjoni etnika, politika, lingwistika, reliġjuża, kulturali); il-moderni bdew u waslu salmistoqsija: "Jien min jien?" Għalhekk ukoll, dawk ix-xejriet li jidhru bħala ċertezzi fir-romantiċi huma dubji fil-moderni; il-polemika hi kontra ċ-ċertezza u s-sempliċità, kontra patrijottiżmu li ma jiftihemx f'dinja ta' internazzjonaliżmu. Iżda l-akbar mistoqsijiet huma ta' xeħta psikoloġika, il-bniedem beda jitqies bħala moħħ aktar milli bħala persuna, u l-enerġija li r-romantiku ħela empirikament, minn barra, issa tbiddlet f'riflessjoni mħawda ta' mħuħ maturi li m'humiex lesti jaffermaw u jistqarru bil-ħeffa ta' qabel. Ngħidu aħna, il-poeżija romantika hi miżgħuda bl-affermazzjonijiet; il-poeżija moderna hi mimlija bis-suġġestjonijiet.

Għandu jidher sewwa li f'dawn il-kunsiderazzjonijiet qiegħed inqis aktar l-aspett ċert, politiku, estrovers, tar-romantiċiżmu milli l-aspett indefinit, suġġettiv, vag u kritiku tiegħu. Forsi dan hu l-fil li jista' joffri l-aħjar eżempju tal-kontinwità tal-ġrajja letterarja Maltija li miċ-ċertezza għaddiet għad-dubju.

**It-tiftix ta' forom ġodda**

Sa hawn tidħol it-tilwima tal-moderni mal-kontenuti l-qodma, barra minn żmienhom, skematiċi u artifiċjali ta' kittieba li baqgħu jimmodellaw ruħhom

skond viżjoni li laħqet għaddiet żmien twil qabel anki fl-Italja, l-art Ewropea fejn ir-romantiċiżmu storiku (i.e. tas-seklu dsatax) aktarx li tnikker l-iżjed. Iżda l-kontenut ma jistax jeżisti mingħajr forma; m'hemmx idea (magħrufa u mfissra) mingħajr kelma (li tagħti forma lill-idea, anzi tbiddel l-idea f'forma). Meta kontenut gdid jitlob forma ġdida, bħalma nies li jaħsbu u jgħixu b'mod differenti jfittxu li jidhru (fl-ilbies, fl-imġiba) b'mod differenti.

Il-ħtieġa li jinstabu forom ġodda ta' espressjoni hi ħaġa waħda mat-tiġdid tematiku, u għalhekk hi implicta kull darba u f'kull moviment tal-ġrajja letterarja. Fil-każ tal-poeti moderni Maltin din il-ħtieġa kienet imqanqla wkoll minn element kollu kemm hu lokali: l-iżvantaġġ storiku tal-letterat ta' qabel li, hu u jfisser ruħu, kellu jfittex ukoll li jagħti dinjità lill-ilsien, jistandardizzah u jrawwem mezz letterarju minnu. Hafna mill-kitba ta' xeħta letterarja tal-bieraħ għandha titqies f'dan id-dawl ta' taħriġ fil-Malti li ried jikseb rispett li jagħżlu minn djalett u jorbtu mal-kultura.

In-nervożiżmu tipiku ta' l-awturi li jaħbtu fil-bidu ta' moviment ta' tiġdid hu qawwi ħafna fost il-kittieba lokali tas-snin sittin. Il-polemika, kif imfissra f għadd ta' ġurnali mill-1966 'il quddiem, u mbagħad fir-rivista *Il-Polz* li l-Moviment Qawmien Letterarju beda jxandar f'Lulju 1967, uriet għall-ewwel darba li (a) hemm differenza kbira bejn il-ħarsien ta lingwa u t-tiswir ta' letteratura u (b) bidla fil-kontenuti hi fl-istess ħin bidla fil-lingwaġġi. Fil-każ ta' (a) deher aktar ċar il-prinċipju qadim, mitħaddet tant fil-kritika moderna, li l-ilsien letterarju ,bħala strument artistiku, hu devjanti; hu l-ħolqien ta' metalingwa, lingwa oħra minbarra l-istandard u differenti ħafna minnu minħabba "irregolaritajiet" kreativi. L-awtur jitgħallem il-lingwa, u jsir imgħallem tagħha sewwasew biex ikissirha bil-mod persunali tiegħu. L-awtur imitativ jitgħallem l-istandard u jagħmel l-eħfef ħaġa: jiktbu. Fil-każ ta' (b) ħarġet aħjar il-verità qadima li mhux biss hemm "letteraturi" differenti skond iż-żmien mifhum bħala mixja evolutiva, u li kull "letteratura" hi differenti bi ħtieġa u ġdida ħdejn ta' qabilha, iżda wkoll, anzi fuq kollox, li d-dibattitu ta' l-awtur hu estetiku, u mhux kollu kemm hu lingwistiku. L-interess fil-lingwa jidħol bħala l-interess tal-ħaddiem (tal-lingwa) fl-għodda tiegħu, iżda l-isfida ewlenija tibqa' din: x'se jagħmel b'din l-għodda mbiddla?

L-ewwel pass f'din il-mixja lejn kuxjenza ġdida kien li l-Malti letterarju għandu jieħu l-elementi tiegħu mir-reġistri kollha ta' l-ilsien mitħaddet u miktub. Twaqqa' l-preġudizzju li hemm mudelli ta' kitba, egħlieqi ta' kliem u konnotazzjonijiet li huma, minnhom infushom, xierqa biex jingħażlu mill-kittieb. Kontra l-kult tal-Malti safi, issa mifhum bħala saff wieħed biss u l-aktar wieħed primitiv u elementari ta' lingwa sħiħa ,daħal il-kult tal-Malti mifhum fis-sħuħija tiegħu, mogħni b'użi ġodda li jorbtuh ma' ideat, oġġetti u qagħdiet ta' llum. Hi sħuħija li qiegħda tinħadem il-ħin kollu, lil ħinn mid-dizzjunarji u mill-kotba tal-grammatika; il-lingwa m'hix magħmula diġa' iżda tinsab f'qagħda kontinwa ta' żvilupp. Ambjent modern jitlob ilsien aktar imżewwaq, aġġornat u mhejji biex ifisser il-ħtiġijiet ta' soċjetà moderna. Kontra l-kult konservativ tal-Malti safi daħal il-prinċipju li l-Malti romanz hu sabiħ, u tneħħa, bħalma kien ilu sekli li tneħħa f'artijiet oħra, il-preġudizzju magħruf bħala

*barbariżmu, arkaiżmu* u l-bqija. Din il-ħidma ta' integrazzjoni lessikali ma kinitx u ma hix biss għażla ta' gost letterarju, iżda frott ta' kuxjenza ġdida quddiem esperjenzi ġodda, iżjed imħabbla minn dawk ta' soċjetà monolitika u li kienet aktarx maqtugħa mill-kurrenti tal-ħsieb u tal-progress barrani. Ftit jew wisq, dan il-moviment irrappreżenta d-dħul fil-kwadru kulturali Malti tal-ġenerazzjoni ta' matul u wara l-gwerra, imdejqa bl-illużjonijiet tradizzjonali, bierda quddiem it-tabu', imħassba quddiem poplu aljenat li minn kolonja sab ruħu stat sovran.

Kontra r-reġimentazzjoni tal-mudelli metriċi magħrufa, li fittxu li jdeffsu kontenuti f'forom magħmulin għal kollox minn qabel, l-iskola moderna fittxet li l-forma letterarja tinħoloq flimkien mal-kitba tal-kontenut, fl-istess proċess. Il-kelmiet *vers ħieles* jiġbru dan kollu bil-mod l-iżjed ħafif, u xejn preċiż; iżda l-kelma *ħieles* tixhed il-ħtieġa li tinħoloq metrika oħra, jinstabu mewġiet melodjużi differenti, eqreb lejn il-proża mingħajr ma huma proża (kif fittixt li nuri fil-kotba *Saġġi Kritiċi* u *Fl-Għarbiel).* L-għażla bejn il-ġeneru poeżija u l-ġeneru proża twarrbet qajla qajla wkoll, u l-waħda ma baqgħetx tingħata xejriet kontenutistiċi li l-oħra m'għandhiex, u l-kuntrarju. Bdiet tinkiteb il-poeżija prożajka u l-proża poetika, sintesi ideali li tgħaqqdet fil-kelma *poeproża* ta' Victor Fenech, l-awtur ta' *F'Altamira.*

**Il-poeżija hija metafora**

Id-differenza ewlenija li tagħżel lill-poeżija ta' żmienna minn ta' qabilha, mhux biss romantika iżda dik tat-tradizzjoni kollha, hi l-importanza mogħtija lill-metafora. Sa mill-ewwel trattati ta' l-estetika Griega deħret il-konklużjoni li hija x-xbiha li tagħżel lill-letteratura minn għamliet ta' kitba oħra. Biż-żmien, minħabba l-post ċentrali merfugħ għall-poeżija, il-metafora ntrabtet aktar magħha milli ma' ġeneri oħrajn, imqar jekk is-simboliżmu hu, wara kollox, il-qalba ta' l-arti kollha kemm hi. 'Il quddiem id-differenza bejn poeżija u proża donnha ssarrfet fid-differenza bejn sentiment u raġuni, bejn intuwizzjoni u sillogiżmu. Biex titfisser din ir-ruħ simbolika l-lingwa tħaddmet retorikament, b'mezzi li jisħqu u li jħallu effett, u wieħed jista' jgħid li ħafna mill-poeżija "kbira" ta' l-imgħoddi iżjed hi tħaddim "għoli" tal-lingwa miżgħuda b'bosta figuri tat-taħdit milli damma ta' metafori.

Il-moderniżmu hu, fost l-oħrajn, sforz qawwi biex l-ilsien letterarju jissaffa mix-xniexel ta' tiżjin fieragħ, biex titwarrab ir-retorika u tingħata importanza ewlenija, jekk mhux waħdanija, lill-metafora. Qabel kien hemm tqassim fl-importanza bejn is-siltiet metaforiċi u s-siltiet retoriċi; ix-xejra moderna hi li l-poeżija kollha tinbena bħala metafora waħda magħmula minn bosta metafori marsusin flimkien. Din il-bixra metaforika m'hix komuni ndaqs għal kull poeta. Ngħidu aħna, Daniel Massa, Achille Mizzi, Philip Sciberras u Mario Azzopardi huma awturi ta' densità metaforika wisq akbar minn Victor Fenech, Doreen Micallef, Ġorġ Borg u oħrajn.

M'hix biss il-preżenza sħiħa tal-metafora li tagħżel lill-versi moderni minn ta' qabilhom. Hu wkoll il-metodu stess ta' kif tidher il-metafora, metodu li

jista' jqanqal diffikultà fil-ftehim waqt li jkabbar l-allużjonijiet u jnaqqas il-kliem li hu ta' importanza sekondarja. It-tliet komponenti tal-metafora, kif magħrufa mill-kritika kontemporanja, huma t-*Tenor*, il-*Vehicle* u l-*Ground*. L-ewwel wieħed hu l-aspett veru, litterali li se jsir taħdit dwaru; it-tieni wieħed hu l-aspett l-ieħor li miegħu se jitqabbel l-aspett veru; it-tielet wieħed hu s-sens "komuni" li, fil-fantasija ta' l-awtur, igħaqqad lill-ewwel u lit-tieni flimkien, dejjem bi sħubija suġġettiva. Ngħidu aħna, minn metafora bħal "iż-żgħożija hi warda sabiħa" (*żgħożija* hi *tenor; warda* hi *vehicle; sabiħa* (sbuħija) hi *ground* — jiġifieri "ż-żgħożija qisha warda għax il-warda, bħaż-żgħożija, hi sabiħa"), il-poeta modern xi drabi juża biss il-kelma *warda* (il-*vehicle*), u l-bqija jitqies bħala miftiehem, skond l-ambjent semantiku.

L-għalqa tal-metaforizzazzjoni (i.e. minn fejn jingħażlu x-xbihat) hi differenti wkoll. Fil-poeżija tradizzjonali x-xbihat huma aktarx emotivi, meħudin mill-ħajja organika — tal-bniedem, ta' l-annimal, tal-ħaxixa. Fost il-ħxejjex u l-annimali kien hemm preferenzi wkoll, e.g. l-agħsafar sabu xorti wisq akbar mir-rettili, u fost l-agħsafar hemm uħud (bħar-rużinjol, il-bilbla) li ntrabtu ma' l-emozzjoni letterarja wisq iżjed minn oħrajn. Fil-qagħda mekkanika, industrijali ta' llum, il-poeta sab ruħu mogħni b'oġġetti oħra li jistgħu jitbiddlu f'simboli ta' qagħdiet tal-bniedem. Għall-poeta ta' qabel, ngħidu aħna, l-idea ta' ħeffa setgħet tkun iffigurata b'żiemel jew b'għasfur; fid-dinja tal-magni, il-ferrovija u l-ajruplan, fost l-oħrajn, huma mezzi ta' ħeffa akbar, moderni u aktar siewja fil-ħajja tal-komunità. Mhux biss tbiddlet, f'dan il-każ, l-idea tal-ħeffa, iżda ntrabtet ma' magna minflok ma' ħlejqa ħajja. L-istruttura soċjali sabet ir-rifless tagħha fl-għażla metaforika. Il-bidla hi wkoll lingwistika. Il-kliem li jirreferi għal ħlejjaq jew oġġetti primitivi (e.g. żiemel, għasfur) huwa aktarx semitiku, waqt li l-kliem li jfisser oġġetti mekkaniċi (e.g. ferrovija, ajruplan) huwa aktarx ta' nisel romanz. Mela l-għażla tal-Malti romanz bħala Malti sabiħ ma baqgħetx tistrieħ biss fuq gost ta' estetika ,iżda wkoll fuq sies ta' ħtieġa. Esperjenzi ġodda, simboli aktar sofistikati qanqlu l-ħtieġa ta' modernizzazzjoni ta' l-ilsien.

Fuq kollox, il-mixja mill-figura żiemel/għasfur għall-figura ferrovija/ajruplan hi mixja mentali u soċjali mill-organiku għall-inorganiku, mill-persunali għall-impersunali, min-naturali għall-artifiċjali. Waqt li qabel ir-relazzjoni bejn il-poeta u d-dinja oġġettiva magħżula (e.g. żiemel, għasfur) kienet bejn ħlejjaq ħajjin, u għalhekk setgħet tkun emotiva, issa r-relazzjoni bejn il-poeta u d-dinja oġġettiva magħżula (e.g. ferrovija, ajruplan) hi impersunali, bierda. Aktar minn qatt qabel, l-artist modern (bħall-bniedem modern) jinsab waħdu, imbiegħed fl-istess ambjent tiegħu mill-ħlejjaq l-oħra li huma qrib tiegħu skond in-natura u mhux skond il-progress xjentifiku.

L-argument idaħħalna f'diskors twil ieħor, il-kelma qarsa li qiegħda tgħid il-poeżija moderna, Maltija u barranija, imqar jekk hi kelma li tidher kalma, mibnija fuq kalkolu tal-moħħ. Minn hawn ukoll ġejja l-bixra aktarx indiretta, "oġġettiva" ta' ħafna poeżija ta' llum. Il-kriżi ta' l-identità hi ċentrali. Fil-każ Malti wieħed jista' jinnota mixja kurjuża; fis-snin sittin il-poeżija hi aktarx storbjuża, polemika, ġellieda, provokanti; fis-snin sebgħin bdew deħlin qajl

qajl l-irtir, is-skiet, ir-rassenjazzjoni, l-egħluq tal-privatezza. Fis-snin sittin hemm l-għajta tal-fiduċja f'bidla, fis-snin sebgħin daħlet b'pass qawwi d-diqa tad-delużjoni, u mill-agħjat tal-pjazez il-poeta għadda għall-meditazzjoni tal-pellegrin ġewwieni.

Għal diskussjoni dettaljata ta' dawn l-aspetti l-qarrej hu mistieden jikkonsulta dawn il-kotba ta' l-istess awtur: **Saġġi Kritiċi** (Aquilina 1979); **Fl-Għarbiel** (1976); **Kittieba ta' Żmienna** (Aquilina, 2 ed., 1976).

---

DR. OLIVER FRIGGIERI is the author of various books published in Malta and abroad